MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2013

Numru. 759/2004

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Patrick Spiteri)**
**(Spettur Anzjan Anthony Cassar)**

**vs**

**- OMISSIS -**
**- OMISSIS -**
**- OMISSIS -**
**REDENT FALZON**
**- OMISSIS -**
**- OMISSIS -**
**- OMISSIS -**
**- OMISSIS -**
**- OMISSIS -**
**- OMISSIS -**
**U - OMISSIS -**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom - omissis -

- Omissis -

- Omissis -

Redent Falzon ta’ 23 sena, iben Joseph u Maria Concetta nee’ Camilleri, imwieled tal-Pieta’ fil-31 ta’ Jannar, 1981 u joqghod fl-indirizz ‘Nenu l-Qormi’, Triq San Guzepp, Haz-Zabbar, ID Nru. 127781M;

- Omissis -

- Omissis -

- Omissis -
- Omissis -

- Omissis -

- Omissis -

U - Omissis -

Gew akkuzati talli:

Fi Triq is-Santwarju, u f’ inhawi ohra f’ Haz-Zabbar, fil-lejl ta’ bejn il-Gimgha u s-Sibt, 10 u 11 ta’ Settembru, 2004:

1. Hadu sehem f’ parti attiva f’ gemgha ta’ ghaxra minn nies jew aktar, migbura bil-hsieb li jaghmlu reat, ghalkemm din il-gemgha ma kinetx imxewxa minn xi hadd partikulari liema reat fil-fatt sar;

2. Meta kienu tnax il-persuna jew aktar, migmughin flimkien kontra l-ligi bi ksur tal-paci pubblika, wara li gew formalment imwissija jew mitluba minn awtorita’ kompetenti biex jixxerdu, u bil-kwiet imorru lejn darhom jew fuq xogholhom, baqghu jew issoktaw flimkien kontra l-ligi, f’ numru ta’ tnax jew aktar, ghal zmien siegha wara li kienet giet maghmula dik it-twissija pubblika;

3. Meta kienu tliet persuni jew aktar, li ngemghu jew baqghu flimkien, ghal kull hsieb li jkun, b’ mod tali u taht cirkostanzi tali ta’ vjolenza, theddid, rewwixti, ghadd ta’ nies, wiri ta’ armi jew xorta ohra, li setghu gabu twerwir u biza’ fost in-nies;

4. Ingurjaw, heddew, u ghamlu offizi fuq il-persuni ta’ l-Assistent Kummissarju Paul Sammut, is-Supretendent Patrick Spiteri, l-Ispettur Anthony Cassar kif ukoll ta’ diversi ufficcjali ohra tal-Pulizija, liema persuni huma nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu jaghmlu dan is-servizz, bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

5. Attakkaw u ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b’ hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-imsemmija ufficjali tal-Pulizija, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti;

6. Minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta’ l-imsemmija ufficjali tal-Pulizija, kif ukoll ta’ diversi persuni ohra f’ periklu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha, taghhom skond ma ccertifikaw Dr. Ian Cauchi MD., Dr. Anthony Mifsud MD., Dr. Charmaine Fava MD., u kif ukoll diversi tobba ohra tac-Centru tas-Sahha ta’ Rahal Gdid ;

7. Bil-lejl, kisru l-mistrieh tan-nies, bi hsejjes, ghajjat, jew b’ mod iehor;

8. Grew bil-qawwi fit-triqat jew fil-pjazez, b’ periklu li jahbtu ma’ xi hadd u jwegghuh;

9. Kisru volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

10. M’ obdewx l-ordnijiet legittimi ta’ l-imsemmija ufficjali tal-Pulizija, nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma

hallewhomx jew fixkluhom fil-qadi ta’ dmirijiethom jew b’mod iehor, bla jedd indahlu fi dmirijiethom;

11. F’ lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku kienu fis-sakra b’ mod li ma kienux jistghu jiehdu hsieb taghhom infushom, jew f’ lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kienu jidhru bic-car fis-sakra;

12. Waddbu gebel jew hwejjeg ohra iebsin ghall-istha, bjut, twieqi, bibien, btiehi, fanali, hitan tad-djar ta’ haddiehor, jew ta’ bini iehor;

***LIL - OMISSIS - BISS:***

13. - Omissis -

14. - Omissis -

15. - Omissis -

16. - Omissis -

***LIL REDENT FALZON BISS:***

Kellu fil-pussess tieghu zewg armi li jaqtghu u bil-ponta (skieken), minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija;

***LIL - OMISSIS - BISS:***

- Omissis -

- Omissis -

Illi in kwantu ghall-imputati Redent Falzon, - omissis - u - omissis - ukoll saru recidivi b’sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati li saru definittivi u ma jistghux jigu mhassra ai termini ta’ l-art. 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuna ta’ haddiehor, jew sabiex jinzamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena, jew minflok il-piena,

applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati bl-obbligazzjoni tieghu inniffsu, taht penali li tigi ffissata mill-Qorti;

Semghet il-provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Anzjan Anthony Cassar, fid-dawl ta’ l-ammissjoni li sejjer jaghmel illum l-imputat Redent Falzon, talab is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tal-imsemmi imputat Redent Falzon, liema talba giet milqugha minn din il-Qorti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. SNG 1 u nnutat li l-imputat Redent Falzon m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat Redent Falzon iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat Redent Falzon bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat Redent Falzon wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum id-Difiza u l-Prosekuzzjoni iddikjaraw li jaqblu li, tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-problemi ta’ natura fizika kif ukoll problemi ta’ natura psikologika tal-imputat, u sabiex ma jkunx hemm ripetizzjoni ta’ reati simili, il-Qorti hi mitluba tikkunsidra il-possibbilta’ li tpoggi lill-imputat Redent Falzon taht Ordni ta’ Probation salv kull provvediment iehor.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 68(2), 80, 79, 95, 96, 221, 338(m), 338(cc), 338(dd), 338(ee), 338(ff), 339(1)(c), 49 u 50 tal-

Kap. 9 u l-artikolu 13 tal-Kap. 66 issa l-artikolu 6 tal-Kap. 66 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Redent Falzon, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz dak dikjarat mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza u d-dokumenti esebiti fis-Seduta tallum b’Nota minn Dr. Mario Caruana ghall-imputat Redent Falzon, tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li tpoggi lill-imputat Redent Falzon taht Ordni ta’ Probation ghall-perjodu ta’ tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta’ reati simili u sabiex l-imsemmi imputat ikun assistit fil-problemi li ghandu u inoltre tikkundanna lill-istess imputat Redent Falzon ghall-piena ta’ elfejn u tlett mitt Ewro (Ewro 2300) multa.

Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma’ din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta’ kopja ta’ din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma’ din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Redent Falzon.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmi Redent Falzon kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tat lill-imputat Redent Falzon l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------